# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1335/2001/1**

**Sullivan Maritime Limited**

**vs**

**Better Living Centre Ltd.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,254.35 (elf u mitejn u erba u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu) rapprezentanti servizzi li s-socjeta' attrici tat lis-socjeta' konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha u ghalhekk is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici f'dan l-ammont. Ghaldaqstant is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Lm1,254.35 (elf u mitejn u erba u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu).

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tat-30 ta' Lulju 2001, 30 ta' Awissu 2001 u 4 ta' Ottubru 2001.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont imsemmi mhuwiex dovut peress illi l-kumpanija konvenuta hallset dak kollu dovut minnha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-dokumenti prezentati mill-partijiet.

Ikkonsidra.

Ix-xhieda f'din il-kawza jikkonsistu unikament f'affidavit ta' kull parti munit b'diversi dokumenti li hafna minnhom l-istess. Hawn si tratta ta' nuqqas ta' qbil bejn zewg negozjanti dwar il-pagament dovut minn wiehed lill-iehor ghal servizzi rezi u rifuzjoni ta' ammont sborsjati fl-interess tal-iehor.

Jirrizulta mill-fatturi esebiti li parti thallsu akkont u ohrajn ma thallsu xejn.  Veru li Dok A6 anness mal-affidavit tas-socjeta' konvenut hemm certi rati pattwiti bejn il-partijiet, pero' dawn ma jiehdux in konsiderazzjoni certi fatturi li jistghu jissucciedu u wisq anqas jahsbu ghalihom.  Huma rati li gew miftehma ghal certi tipi ta' servizzi.  Pero' ma jkoprux dak kollu li jissucciedi fil-kamp marittimu u/jew ta' merkanzija.  Is-socjeta konvenuta ma tallegax li s-servizz ma giex moghti jew l-isbursjar ma sarx fl-interess taghha. Sempliciment ma kienx anticipat – pero' is-servizz xorta gie accettat. Inoltre l-konvenut accenna l-oneru li jipprova dak kollu minnu dovut - oneru li ma giex skarigat minnu.

Is-socjeta attrici ghandha dritt tigi risarcita tal-prestazzjonijiet taghha u rifuza l-ispejjez taghha.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta jilqa t-talbiet attrici bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**